MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 397/2008

**A B C**

**-vs-**

**D E C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-esponent u l-konvenuta zzewgu fit-28 t’April, 1973 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. ‘A’);

Illi l-kontendenti zzewgu wara korteggjament qasir ta’ madwar sena biss;

Illi l-konvenuta kienet ghadha zghira hafna fl-eta’ tant li kien ghad ghandha biss sbatax-il (17) sena.

Illi l-konvenuta kkuntrattat dan iz-zwieg principalment biex tehles mid-dar fejn hija kienet tghix mal-genituri taghha u dan kif se jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; il-konvenuta kienet wahda minn fost ghaxar (10) ahwa, kienu jghixu f’razzett zghir hafna minghajr kumditajiet u l-konvenuta kienet l-ikbar fost il-bniet u fuqha kien jaqa’ x-xoghol kollu tad-dar u anke sa minn eta’ zghira kienet tahdem ghand in-nies bhala seftura.

Illi mill-fatti li sehhew jirrizulta bic-car illi l-konvenuta qatt ma kellha ebda hsieb illi tosserva wiehed mid-dmirijiet principali taz-zwieg, u cioe’ l-obbligu tal-fedelta’.

Illi ukoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga u da parti tal-konvenuta ma kienx hemm maturita’ u lanqas preparazzjoni serja ghaz-zwieg.

Illi l-kontendenti huma xhieda ta’ Gehova u ghalhekk izzewgu bl-intiza cara illi jekk ikun hemm xi hadd illi jikser il-patt taz-zwieg – li huwa patt bejn ir-ragel, il-mara u Alla – permezz ta’ adulteru, allura dak iz-zwieg, skond dan it-twemmin, ma jkunx izjed wiehed validu.

Illi l-kontendenti kienu sseparaw minhabba relazzjoni adultera li kellha l-konvenuta (ghalkemm kien hemm episodji precedenti ta’ fedelta’) b’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali tal-4 ta’ Settembru, 2007.

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 t’April, 1973 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali u b’mod partikolari ai termini tal-paragrafi (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-esponent qed jikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti kollha kif kontenuti f’dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 t'April, 1973 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, il-konvenuta baqghet ma wegbitx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi:

Il-partijiet izzewgu fl-1973. Illum huma t-tnejn ta' eta' pjuttost matura. Izzewgu meta l-konvenuta kellha sbatax-il sena wara korteggjament ta' sena. Il-partijiet isseparaw f-sena 2007 minhabba relazzjoni adultera li kellha l-konvenuta, liema relazzjoni jidher li kienet ilha ghaddejja mis-sena 2003. L-attur jikkontendi li z-zwieg huwa null ai termini tal-Art. 19(1) tal-Ligi dwar iz-Zwieg, partikolarment il-paragrafi (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-istess.

Il-Qorti tibda biex tinnota illi huwa principju fondamentali f'materja ta' nullita' ta' zwieg illi l-mument krucjali li dwaru trid tiffoka x-xhieda migjuba in sostenn ta' allegazzjoni ta' nullita' – huwa l-mument taz-zwieg innifsu – cioe' tal-ghoti tal-kunsens. Xhieda dwar imgieba ta' xi parti jew ohra kif ukoll dwar cirkostanzi li jirrelataw ghal mumenti sussegwenti tar-relazzjoni maritali jistghu biss ikunu ta' ghajnuna lill-gudikant jekk b'xi mod jikkonfermaw u

jirrispekkjaw dik li effettivament kienet is-sitwazzjoni fil-mument taz-zwieg.

Il-Qorti tirriafferma ukoll dak li qalu diversi drabi dawn il-Qrati illi fil-materja ta’ nullita’ taz-zwieg m’huwiex sempliciment kaz li wiehed jallega u l-iehor jammetti jew, bhal dan il-kaz, li wiehed jallega u l-iehor ma jopponix. L-importanza socjali taz-zwieg tirrikjedi lill-gudikant jistharreg oltre.

Il-provi f’din il-kawza jikkonsistu essenzjalment f’affidavit tal-attur u zewg affidavit ta’ persuni li jirrelataw ghal incidenti li graw snin twal wara z-zwieg u, ghalhekk, f’ghajnejn din il-Qorti, il-valur probatorju taghhom ghar-rigward tan-nullita’ huwa skars immens.

L-attur isemmi li l-konvenuta fiz-zghozija taghha ma kinitx la komda u lanqas kuntenta. Kienet wahda fost hafna tfal, l-ewwel fost il-bniet u ghalhekk kien jehtigilha, peress illi l-familja taghha ma kinux komdi, taghmel hafna xoghol fid-dar, tant li kienet thossha qisha “Cinderella” (affidavit tal-attur a fol. 13 tal-process). Minn dawn il-ftit versi fl-affidavit tieghu, l-attur jikkontendi li l-konvenuta zzewget biex tehles mid-dar. Tenut kont li dejjem tezisti l-presunzjoni li zwieg huwa validu sakemm jigi pruvat mod iehor, il-Qorti m’hija sodisfatta bl-ebda mod li z-zwieg sar biex tehles mid-dar u ghaldaqstant hi tal-fehma li ma jezistu ebda wiehed mill-pressuposti tas-subinciz (a). Ma ntweriet lill-Qorti ebda prova ta’ vjolenza morali jew fizika u wisq anqas ta’ biza’.

Fir-rikors guramentat tieghu, l-attur jghid li mill-fatti li sehhew jirrizulta bic-car illi l-konvenuta qatt ma kellha ebda hsieb li tosserva l-obbligu tal-fedelta’. Fil-kuntest tal-fedelta’, l-ewwel ma jsemmi l-attur fix-xhieda tieghu huwa episodju fl-1974 wara li kien twieled binhom fejn il-konvenuta stqarret li meta kienet ghand xi qraba barra minn Malta hija bieset lil zijuha. Hu jsostni “Meta qaltli hekk tatni x’nifhem li ma kinitx bewsa taz-ziju man-neputija”. Madanakollu, huwa ma talabx dettalji ghax jghid li ma riedx jitlifha. Fl-1978 stqarret mieghu li kienet dahlet

ragel gewwa d-dar. F’dan l-episodju ukoll ma ndagax oltre ghax jghid li beza mir-risposta li seta’ jkollu.

Il-koppja baqghu jghixu hajja normali. Fil-fatt twieldu aktar ulied. Kien imbaghad fl-1999 u cioe’ wara sitta u ghoxrin sena zwieg li hija ammettiet li kienet esperjenzat xi forma ta’ kunfidenzi ma’ barrani fuq vapur. Kien biss fis-sena 2003 li verament bdiet relazzjoni adultera bejn il-konvenuta u terza persuna. Din ir-relazzjoni hija konfermata ukoll miz-zewg xhieda l-ohra, it-tnejn membri tax-xhieda ta’ Gehova , kif huma ukoll il-partijiet f’din il-kawza, u li maghhom kienet stqarret dwar ir-relazzjoni extra-maritali l-konvenuta, dan wara tletin sena zwieg.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm dan iz-zwieg, tul it-tletin sena tieghu, seta’ ghadda minn mumenti ta’ xi diffikulta’, ma jistax jinghad li dawn kienu rizultat ta’ eskluzjoni pozittiva ta’ xi elementi essenzjali tal-hajja taz-zwieg, kif hemm mahsub fl-Art. 19(1)(f) tal-Ligi kif kostantement interpretata minn dawn il-Qrati.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghas-sentenza fil-kawza “Josette Spiteri nee’ Scicluna vs George Spiteri” (deciza 9 ta’ Frar 2001), fejn din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet esposizzjoni cara ferm tal-principji in materja:

“Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f’diversi sentenzi ta’ din il-Qorti (ara, inter alia, Anna Galea vs John Walsh, (30/3/95 u Dr Stephen Muscat vs Maria Borg Grech, 14/8/95). Biex jirrzulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b’att pozittiv tal-volonta’ iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.”

Konsegwentement, il-Qorti lanqas ma ssib li kien hemm ebda element ta’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra u li ghalih jipprovdi l-Art. 19(1)(c).

L-attur jinvoka ukoll l-Art. 19(1)(d) tal-Ligi ghall-kaz tieghu. F’ghajnejn din il-Qorti, ma jirrizulta minn imkien fl-affidavit tieghu illi kien jezisti xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Huwa minnu li l-konvenuta kienet ghadha zghira u forsi immatura meta zzewget. Dan il-fatt wahdu, pero’, ma jeskludix id-diskrezzjoni mehtiega biex il-kunsens ghaz-zwieg ikun inghata validament. Fis-sentenza fil-kawza “Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri” (deciza fl-4 ta’ Novembru, 1994), intqal illi:

“B’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’, il-parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.”

Din il-Qorti taddotta l-fehma hemm imfissra u taghmilha taghha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------